MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 866/2005

**Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Ivan Cutajar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih is-socjeta rikorrenti *Maltacom plc* ippremettiet illi:

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni Nru. 192/96GV) giet deciza min din il-Qorti fil-24 ta’ Novembru, 1997, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta’ Lm8789.15 (tmient elf, sebgha mija disgha u tmenin liri Maltin u hmistax-il centezmu), *in konnessjoni* mas-servizz telefoniku numru 374766, bl-imghax u bl-ispejjez.

Is-socjeta’ *Maltacom p.l.c.* illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta’ rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-*sorte* fuq indikat, *oltre* Lm631.33 (sitt mija wiehed u tletin liri Maltin u tlieta u tlettin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *“A”* kif ukoll Lm5449.27 (hamest elef, erbgha mija disgha u erbghin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm14,869.75 (erbatax-il elf, tmien mija disgha u sittin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant, l-esponenti fil-waqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u lanqas ma deher fl-udjenza biex jikkontesta t-talba tar-rikorrenti u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------